# Birkirkara kif jikteb dwarha l-istoriku magħruf Achille Ferres



Mario Fenech

Fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo* ppubblikat fis-sena 1866, l-Istoriku magħruf Achille Ferres f'paġna 314 jagħti din id-deskrizzjoni tar-raħal ta' Birkirkara bit-titlu tal-Kapitlu tal-ktieb "Chiesa Matrice – Parrocchiale ED INSIGNE COLLEGIATA".

Il-knisja prinċipali ta' Bikirkara hija waħda mit-tmien Knejjes Matriċi mwaqqfa mill-Mons. Senatore De Mello fis-sena 1436. Ma' din il-parroċċa fl-antik kien hemm ukoll l-irħula ta' Ħ'Attard, Ħal Lija, Ħal Balzan, Ħal Bordi u Ħal Manna.

Ħ'Attard inqata' minn mal-Matriċi minn Mons. Duzina fis-26 ta' Mejju 1575. Ħal Lija inqata' għalih nhar is-6 ta' Frar 1594 fi żmien l-Isqof Tommaso Gargallo. Ir-raħal ta' Ħal Balzan fi żmien l-Isqof Balaguer fl-14 ta' Awwissu 1655.

Waqt waħda mill-Viżti Pastorali ta' Mons. Duzina fil-Parroċċa ta' Birkirkara kien hemm 46 Knisja. Dawn kienu jinsabu 14 f'Birkirkara, 4 f'Ħal Balzan, 9 f'Ħal Lija, 4 f'Ħ'Attard, 4 f'Ħal Manna, waħda f'Ħal Bordi u 10 knejjes oħra mifruxin fil-limiti ta' dawn l-irħula.

Għall-ewwel kienet isservi bħala Knisja Parrokkjali l-knisja ta' Sant'Elena li kienet fl-inħawi magħrufa bħala "tal-Atar" li kienet imbniet fis-sena 1538. Fuq din il-Knisja imbniet il-Knisja tal-Assunzjoni ta' M.V. bi ġmiel t'arkitettura li llum jidhru l-fdalijiet tagħha. Kienet imbniet mill-Kappillan Dr. D.Filippu Borg flimkien mal-poplu fuq id-disinn ta' Vittorio Cassar u kompluta minn Tommaso Dingli fl-1617.

Il-Koppla imbniet fis-sena 1656. Għandha Ordni Korint. Knisja bħal din minn dejjem kienet ikkunsidrata minn dawk li jifhmu bħala l-ewwel monument t'arkitettura għaliex fl-ebda knisja mibnija ma' ġiet osservata tant regolarità, eleganza, tant wesgħat imżejjna b'14-il artal.

Il-Knisja li hemm illum ġiet mibnija b'ħafna arkitettura grandjuża fuq id-disinn tal-Arkitett Cachia kif jgħidilna fil-kitba tiegħu l-Professur Zerafa.

L-ewwel ġebla tal-bini tal-Knisja ġiet solennement imqiegħda mill-Isqof Gori Mancini fis-27 t'April 1727. Tlestiet fis-sena 1745 bil-ħidma tal-Propostu Dr. D. Giuseppe Vassallo. Fid-19 ta' April tal-istess sena ġiet imbierka u sar għall-ewwel darba t-Talb mill-Kanonċi. L-Knisja l-ġdida ġiet iddedikata lil Sant'Elena, titlu li x'aktarx intgħażel minħabba li l-ewwel Knisja li kien hemm fir-raħal kienet bl-istess titlu. L-Knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Mons. Labini fl-20 ta' Ottubru 1782. L-anniversarju tal-Konsagrazzjoni jigi ċċelebrat fit-tielet Ħadd t'Ottubru.

Din il-ġmiel ta' Knisja hija ffurmata minn kor, żewġ kappelluni, korsija, żewġ navi tal-ġnub u żewġ sagristiji. Fiha tnax-il artal, twila 177 pied, fil-kappelluni 110 pied u l-korsija 28 pied. Fuqha hemm koppla maestuża, żewġ kampnari li fihom hemm sitt qniepen imħallsa bil-flus tal-poplu. Iż-żewġt Iqniepen il-Kbar kienu ġew ikkonsagrati mill-Isqof Mattei u mqegħdin fil-kampnari fis-sena 1814. Iżejjnu l-Faċċata tal-Knisja 14-il statwa li tnejn minnhom ta' San Pietru u San Pawl inġiebu mill-Knisja l-qadima. L-iskultura tal-Glorja li hemm fil-Fontespizio u fuq iż-żewġ bibien laterali ġew skulturati fuq id-disinn ta' Hyzler.

Din il-Knisja Matriċi saret Kolleġġjata fi żmien l-Isqof Cagliares mill-Papa Urbanu VIII, bil-Bolla Apostolika bid-data tad-9 ta' Diċembru 1630 fuq talba ta' Dr. D. Filippo Borg, l-ewwel Propostu. Minħabba xi problemi t'oġġezzjonijiet li kienu nqalgħu, dan id-Digriet ġie fis-seħħ ħames snin wara.

Il-Kanonċi ħadu l-Pussess Solenni nhar l-10 ta' Mejju 1635 mingħand D. Giovanni Micallef maħtur mid-Delegat Apostoliku l-Kan.D. Andrea Galea.

Il-Kanonċi maħtura kienu l-Propostu Dr. D. Filippo Borg, D. Paolo Borg, D. Andrea Galea, Dr. D. Giovanni Maria Sammut, D. Orlando Ebejer, Dr. D. Giovanni Paolo Falzon, Dr. D. Luca Ebejer u Dr. D. Andrea Galea.

NOTA: F'dan l-artiklu tiegħi ta' dan il-programm wassalt lill-qarrejja dak li kiteb l-Istoriku Achille Ferres bit-Taljan fil-ktieb tiegħu. Ma zidt jew naqqast xejn biex dak li kiteb l-Awtur ma nbiddel xejn minnu.

Hemm aktar dwar dan is-suġġett f'din il-kitba. Dwar dan inkompli nikteb fil-ħarġa ta' dan il-programm tas-sena d-dieħla.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.